TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/59/16/S

Shamison Busuttil
Vs
Good Morning Malta Ltd

Illum 20 t'Ottubru,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Shamison Busuttilipprezentata fis-17 ta'Marzu,2016 u r-risposta tas-socjeta Good Morning Malta Ltd ipprezentata fl-1 ta'Lulju,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lill-partijiet;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilmenti relatati ma' tmiem il-gimgha gewwa l-Fortina Hotel liema 'weekend' inxtara minghand is-socjeta intimata. Min-naha taghha s-socjeta intimata eccepiet fis-sustanza li ma kinitx il-legittimu kuntradittur fis-sens li kellha titharrek il-Fortina Hotel ghaliex is-socjeta intimata kienet biss pjattaforma li minn fuqha jinbieghu offerti varji;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata ghamlet riferenza ghall-kundizzjonijiet u partikolarment ghal klawsola 5.7 li tistipula b'mod car li l-prodotti mhumiex mibjugha mis-socjeta intimata u mhijiex responsabbli ghall-istess;

Illi dan ifisser li r-rikorrent kellu jfittex lil Fortina Hotel u mhux lis-socjeta intimata Good Morning Malta Ltd;

Illi mix-xhieda mressqa quddiem dan it-Tribunal, jirrizulta li s-socjeta intimata thaddem biss pjattaforma fejn kumpaniji jpoggu l-offerti taghhom li jistghu jinxtraw mill-pubbliku;

Illi l-'voucher' ipprezentat juri bic-car x'kien u x'ma kienx inkluz fl-offerta in ezami;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Shamison Busuttil filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Good Morning Malta Ltd, b'kull parti thallas l-ispejjez relattivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru